MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 12/2006

**MERLIN COMPUTERS LTD.**

**vs**

**Carmelo CASSAR**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentata fis-6 ta' Jannar, 2006, li bih is-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet fit-23 ta' April 2002, ikkonkludew bejniethom att ta' konvenju, li kopja tiegħu hi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. A, relattivament għall-bejgħ propost da parti tal-konvenut lis-soċjeta' attriċi, ta' porzjon mill-art magħrufa bħala ta' l-Erbgħa Qaddisin fil-kuntrada tal-Istrabal limiti ta' Qormi, liema plot tikkonfina mill-Majjistral ma' Qormi Road u mill-irjiħat l-oħra ma' proprjeta' tal-venditur, versu l-prezz ta' tnejn u erbgħin elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm42,500);

Illi fuq l-imsemmi att ta' konvenju, is-soċjeta' attriċi ħallset lill-konvenut s-somma ta' tmintax-il elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm18,500) bħala depositu, akkont tal-prezz hekk pattwit;

Illi l-imsemmi att ta' konvenju skada fis-16 ta' Ġunju 2003, skond kif jirriżulta mill-aħħar estensjoni li kopja tagħha hi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. B, u tali skadenza ma ġietx segwita la minn proċeduri ġudizzjarji skond il-Liġi u lanqas mill-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv;

Illi l-konvenut, minkejja li ġie interpellat diversi drabi sabiex jirrifondi lis-soċjeta' attriċi s-somma fuq imsemmija mħallsa bħala depositu, baqa' ma rritornax tali ammont minnu legalment dovut;

Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-soċjeta' attriċi, l-konvenut ma għandu ebda eċċezzjoni valida x'jissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tikkundanna l-konvenut illi jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmintax-il elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm18,500) lilha dovut kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smiegħ tal-kawża a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 4 ta' Frar 2005, Mandat ta' Sekwestru Nru. 26/06 u ittra bonarja datata 9 ta' Ġunju 2005 u interessi legali dekorribli mill-1 ta' April 1999 sad-data tal-ħlas effettiv skond kif fuq premess kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma li tibda tgħaddi b'effett mill-1 ta' April, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------